MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru. 35/2002
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Glenn-Paul Camilleri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijeit dedotti kontra Glenn-Paul Camilleri ta’ 22 sena iben Joseph u Maria Dolores nee Abdilla, imwieled Saint Julian’s fit-23 ta’ Lulju 1979 u joqgħod Ascot Flats, Block B, no 3 Birżebbuġa Road, Birżebbuġa, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 1492080 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-31 ta’ Ottubru 1999 u matul l-aħħar sena qabel dina d-data:-

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-atikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat 1492/1980, in-nomina tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol.4), l-atti fil-każ 'Il-Pulizija versus Aaron Privitera', il-

fedina penali tal-imputat, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 51), id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma kellhomx għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa' ġew reġistrati quddiem il-Qorti diversament preseduta (fol62) u d-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. Skond il-Prosekutur, is-Supretendent Neil Harrison, fil-31 ta' Jannar 1999, waqt road block, l-AFM kienu waqqfu lil ċertu Aaron Privitera. Dan kien qal li kien jixtri l-eroina minn għand l-imputat u għen lill-Pulizija biex ikun intraċċjat l-imputat. (Fol.5) Fid-dar tal-imputat kienu nstabu xi roaches.

6. Aaron Privitera kien ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Cuschieri (stqarrija fol 13et), konferma (fol.13 u 14). Nhar il-11 ta' Frar 2002, [1]quddiem il-Maġistrat Cuschieri, dan ix-xhud kien qal li kien jixtri minn għand Glenn magħruf bħala l-Maċawċ, li dan kien minn Birżebbuġa, li kellu karozza Capuccino ta' kulur aħmar u Mondeo abjad (fol.16), u li kien joqgħod fi triq one-way f'dik li tinżel għall-ewwel bajja. It-taaġ biex tidħol għandu kien minn barra. Huwa kein dam jixtri minn għand Geln għal xi xahrejn. Huwa kien jgħaddi minn ħdejn l-imputat u jdoqq il-horn.

## L-Istqarrija tal-Imputat.

7. L-imputat kien għamel stqarrija fil-31 ta' Otturbu 1999 u fiha qalli kellu Suzuki Cappuccino ta; kulur aħmar bin-numru EAH 498. Ommu kellha Mondeo abjad. Huwa qal ukoll li r-roaches li nstabu għandu kienu ilhom għandu xi

---

[1] Aaron Privitera kien għamel l-istqarrija tiegħu fil-kwartieri tal-Pulizija L-1 ta' Frar 1999

sena għax kien ipejjep il-ħaxixa. Sa xahrejn jew tliet xhur qabel kiin jieħu l-eroina u dam jieħu l-eroina xi għaxar xhur. Kien jieħu bejn wieħed u ieħor pakkett ta' Lm10 kull jum, pero' ġieli ħa żewġ pakketti. Huwa nnega li qatt kienu marru xi junkies wara l-bieb. Huwa qal ukoll min għand min kien jixtri d-droga. (Fol.23) Huwa innega li qatt biegħ id-droga.

8. Xehed PS 569 Antoine Micallef li qal li kienu għamlu tfittxija fid-dar tal-imputat u minn ġol-kamra tas-sodda tiegħu fil-barmil taż-żibel kienu sabu xi roaches.

9. Xehed ukoll Aaron Privitera fis-seduta tl-21 ta' Marzu 2002. Huwa qal fiż-żmien meta twaqqaf fir-raod block huwa kien jieġu d-droga eroina. (fol.27 et). Huwa xehed li ien jixtri d-droga minn għand Glenn, kunjomu ma jafux, u li kellu l-laqam il-Maċawċ. Dan kein joqgħod Birżebbuġa fit-triq il-one-way. Fl-Awla kien għaraf lill-imputat bħala Glenn (fol.31). Huwa kien imur jinqeda mid-sar tal-imputat. Huwa kien idoqq il-horn jew iċempel fil-flat. Huwa kien ċert li kien jixtri l-eroina minn għand l-imputat. (Ara fol.32) bil-prezz ta' għaxar liri. It-taraġ kien jidher minn barra. (fol.33) Huwa qal li l-imputat kellu Cappuccino (aħmar) u Mondeo(bajda). Huwa kein għamel madwar tliet xhur jixtri minn għand l-imputat u kien xtara xi erba' darbiet.

10. Għal mistoqsijiet magħmula mill-Qorti, huwa wieġeb li kien jixtri pakkett tal-għaxra. (Fol.34). Il-Prosekuzzjoni qratlu x-xheida li kien quddiem l-istess Qorti kif kienet preseduta matul il-proċeduri kontrih stess. (Fol35-36).

11. Fil-kontro-eżami x-xhud wieġeb li kien mar programm u li huwa kien ikun Birżebbuġa. Mistoqsi jekk kienx ikun hemm nies telgħin u neżlin, ix-xhud wieġeb li rari kont tinzerta xi nies barra. Huwa lanqas kien jiftakr ċar jekk kienx ikun hemm nies fuq, neżlin jew telgħin. Il-mistoqsijiet l-oħra kienu dwar ir-relazzjoni mat-tfajla li kellu x-xhud.

12. L-ispiżjar Mario Mifsud xehed li fid-dokument 02 ARR 01 kienu nstabu traċċi tas-sustanza THC. (Ara fol 53, 54 u 55).

**Xhieda Difiża**

13. Xehed l-imputat fl-4 ta' Frar 2004 li qal li illum għandu l-ħwienet tal-ħwejjeġ. L-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija kienet l-ewwel darba f'ħajtu. Imbagħad inqratlu l-itqarrija li kien għamel. Dwar it-telecells, huwa qal li dawn kienu ta' ommu. Meta nqratlu l-parti fejn qal li sa xahrejn qabel huwa kien jieħu l-eroina, l-imputat ippreċiża li llum qiegħed bil-għaqal. (Fol.71). Ikkonferma l-parti wkoll fejn kien qal li għandu qatt ma ġew xi junkies.L-imputat kien tifel waħdu u ommu kienet iffissata fuqu. L-imputat qal ukoll li kien jgħix m'ommu u missieru fil-Main Road fi blokk ta' sitt flats(fol.73) li m'għandux lift. Huma kienu joqogħdu fit-tielet sular. Biex titla' u biex tinżel taraġ wieħed hemm. Jek xi ħadd idoqq il-horn hu kien irid jgħaddi mid-dar kollha ( fol 76). Lil Aaron Privitera kien jarah Birżebbuġa għax kien joħroġ mal-mara ta' ħabib tal-imputat. Kien hemm naqra ta' tikketta bejn Aaron Privitera u ċertu Kevin minħabba li Aaron Privitera kien qed joħroġ mal-mara ta' Kevin. Iżda l-imputat qatt ma kellem lil Privitera. (Fol 77).

14. L-imputat qal li x-xhud kien iħares lejh bl-ikrah għax l-imputat kien ħabib ta' Kevin iżda qatt ma kienu ġġieldu. Imbagħad qal li 'ġieli sema'' lid an ix-xhud kien daħħal f'moħħu li l-imputat mar ifittex il-ġenituri tal-amra li kien joħroġ magħha Aaron u qalilhom li Aaron Privitera jieħu d-droga. L-imputat kompla jgħid li mit-triq jidher il-flat. Biex horn jinstema' mit-tielet sular dan irrid ikun horn jgħajjat mhux ħażin. L-imputat innega li kien biegħ droga lil Aaron Privitra jew lil xi ħadd ieħor, lanqas lil 'Jason' u lil 'Pierre'. Fil-kontro-eżami huwa reġa' nnega li kien biegħ id-droga lil Aaron Privitera. Huwa kien mistoqsi wkoll jekk il-Pulizija kenitx għamlet raid għandu ġewwa tas-Sliema s-sena ta' qabel ma xehed u jekk kenitx sabet xi ħaġa. L-imputat qal li dawk kienu affarijiet li kienu għandu minn qabel. Dawn

kienu ġo basket ġo l-istore.(Fol 85) Huwa qal li l-basket (bis-siringi) kien ser jarmih.

15. Xehdet Tessie Abela li kienet taħdem mal-papa' tal-imputat. (Fol.95). Fil-perjodu li damet taħdem hemm ma kinux ġew nies isaqsu għal Glen. (Fol.96). Kienu jsiru xi deliveries li għand familji li kienu jagħmlu l-ordni.

16. Xehed ukoll il-Marixxall Emanuel Stivala li qal li l-familja tal-imputat toqgħod taħtu eżatt. Huwa qal li mit-tarġ kont tista' tara n-nies telgħin u hu qatt ma ra żgħażagħ jistennew. Fil-kontro-eżami huwa qal li fiż-żmien in kwistjoni huwa kien jaħdem bejn it-8.00 am u l-5.00pm ta' filgħaxija.

17. Xehed ukoll missier l-imputat Joe Camilleri li qal li ibnu dak iż-żmien kein jaħdem miegħu. Huwa ġieli mar jagħmel id-deliveries mat-tifel iżda qatt ma kienu ġew żgħażagħ fuq ibnu. Ibnu kien ikun taħt għajnejh il-ħin kollu. Qatt ma kienu jiġu żgħażagħ isaqsu għal Glen. (Fol.107). Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kienx jafda lil ibnu għaliex kin jaf li jieħu d-droga. (fol.108). Hu qatt ma qabad lil ibnu jieħu d-droga. (Fol.108).

18. Xehdet ukoll omm l-imputat Doris Camilleri (fol.113) li qalet li dejjem kienet qisha seqer fuq it-tifel. (Fol 114). Hi qalet ukoll li hi kważi dejejm kienet tkun id-dar u qatt ma mar ħadd għal Glen u qatt ma kienet semgħet hornijiet idoqqu. Il-ħbieb li kienu jmorru kienu nies li kienet tafhom hi. Hi ċaħdet li dan Aaron qatt mar iħabbat id-dar u qatt ma kienet ratu fil-viċinanzi. Fil-kontro-eżami hia qalet li binha ma tantx kien jgħaddi ħin id-dar waħdu. Meta binha kien ikun il-ħanut, hi kienet tkun id-dar. Fil-ħanut kien hem mil-lavrant u fqu kien isib lilha. Imbagħad il-Prosekuzzjoni għamlet din il-mistoqsija:

*'Meta tgħid rarissimu jiġifieri qed tgħid li jista' jkun hemm okkażjonijiet anke jekk fit fejn it-tifel tiegħek Glen kien waħdu d-dar'*

U t-weġiba kienet:

*‘U dan mhux bilfors xi darba, naħseb it qatt ma nzertajt id-dar waħdek?’*

U aktar ‘l isfel qalet:

*‘Jista; jkun li k ien hemm.’ (Fol.119).*

Imbagħad fid-9 ta’ Mejju, 2008 id-difiża tellgħet jixhed lil Aaron Privitera li kien misoqsi:

*‘Avukat: Ara tiftakar li xi ħadd Sharon keinet toħroġ ma’ xi ħadd Kevin li hu ħabib tal-imputat?*

*Xhud: Żewġha Kevin*

*Avukat: Tiftakar?*

*Xhud: Iva*

*Avukat: Kienet il-mara ta’ Kevin u kienet toħroġ mas-sinjur.*

*Xhud: Iva.*

*Avukat: Xejn aktar.’ (Fol.139).*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

19. Il-Qorti fliet sew x’kien qal ix-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni kemm meta kkonferma l-istqarrija quddiem il-Maġistrat Cuschieri -seduta stante- u mhux quddiem il-Maġistrat tal-Inkjesta kif ukoll meta xehed matul dawn il-proċeduri u kien soġġett għall-eżami u l-kontro-eżami.

20. Il-Qorti ssib li x-xhud kien konsistenti mill-bidu sat-tmiem fid-dettalji li ta tant li wħud minnhom kienu kkonfermati mill-imputat stess. Jekk wieħed iqabbel il-karozzi li ssemmew mix-xhdu Aaron Privitera u dawk li semma l-imputat a fol.22 fl-istqarrija tiegħu hemm qbil eżatt.(Qabbe3l fol.33). Lill-imputat Aaron Privitera għarfu fl-Awla.(Ara fol.31)  L-istess xhud baqa’ jitkellem fuq taraġ

minn barra u dan ikkonfermawh xhieda oħra fosthom il-Marixxall Stivala li joqgħod fl-istess post. Għalhekk dan dettall ieħor li jaqbel. Iż-żmien ukoll jikkoinċidi ma' dak indikat fl-imputazzjoni (Qabbel paġna 13 ma' paġna 1). Jissemma l-istejġ tal-karozzi u fil-fatt dan l-istejġ kien ikkonfermat li jeżisti wkoll minn xhud ieħor. Imbagħad hemm dettalji grafiċi bħal:

*'Is-sibt mort id-dar tiegħu. Daqqejt il-horn tal-karozza. Hu ħareġ mill-gallerija u mbagħad niżel itini l-eroina.' (fol.14)*

21. Dawn mhumiex dettalji ta' min jed jivvinta.

22. Barra minn dan l-imputat mhux dejjem qeda lil dan ix-xhud mid-dar. Fil-fatt huwa qal:

*'Dan kien jiġi jaqdini jew fi triq warajh jew fix-xatt Birżebbuġa.'*

23. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li dak li xehed Aaron Privitera kienet il-verita'. Il-Qorti qrat ix-xhieda ta' Privitera diversi drabi inkluża l-aħħar waħda fejn kien mistoqsi biss dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-mara ta' Kevin – li kien diġa' mistoqsi dwarha meta xehed l-ewwel darba. Il-verżjoni mogħtija hija attendibbli.

24. L-imputat qal li 'xi ħadd qallu li dan ix-xhud daħħal f'rasu'. Bir-rispett kollu dan huwa hearsay u mhux ammess. L-imputat bl-ebda mod ma indika min kienu dawn in-neis ħalli jitilgħu jixhdu viva voce. Barra dan l-imputat stess qal li qatt ma ġġieled ma' dan ix-xhud u lanqas indika 'kif' jew 'fejn' kien iħares lejh bl-ikrah. Skond l-imputat dan ix-xhud waħħal fih għaliex ix-xhud kien joħroġ mal-mara tal-ħabib tiegħu. Bir-rispett kollu, dan l-argument – bla ebda provi – m'huwa konvinċenti xejn. Din l-allegazzjoni ta' vendikazzjoni mhix sorretta bl-ebda prova. Il-konġettura magħmula mill-imputat mhix prova. (Lanqas jekk, għall-grazzja tal-argument, kellu jkunn hemm xi forma ta' vendikazzjoni, mhux bilfors li l-vendikazzjoni tqanqal xi dubju dwar xhieda jekk din xorta tinħass li għandha mill-verita')

25. Aktar ma temminx il-verżjoni tal-imputat li 'roaches kienu ilhom għandu sena' u dak li sabu fil-ħanut meta sar raid' kienu affarijiet taż-żmien ta' qabel'. Mela kull darba jsir raid mill-Pulizija jinstabu affarijiet antiki jew li ma jkunux intremew.

26. Il-Qorti eżaminat ukoll ix-xhieda li ttellgħu in difiża. Dawn l-erbgħa ttellgħu prattikament bi skop wieħed – biex juru li l-imputat tant kien sorveljat li kull ċaqlieqa tiegħu kienet taħt osservazzjoni.

27. Apparti mill-fatt li wieħed mix-xhieda kien iqatta' l-parti kbira tal-jum fix-xogħol tal-Qorti, kifi jista' xi ħadd iżomm sorveljanza fuq ġuvni ta' 19-il sena -għax l-imputat twieled f'Lulju tal-1979- erbgħa u għoxrin siegħa kull jum? Ukoll omm l-imputat fl-aħħar irreaġiet għal mistoqija mill-Prosekuzzjoni:

*'U dan mhux bil-fors xi darba, naħseb int qatt ma nzertajt id-dar waħdek?'*

28. Jekk ser tagħti d-droga lil xi ħadd, m'intix ser toqgħod ddoqq tavża lil kulħadd speċjalment dawk li jkunu qed josservawk. Oltre dan il-forniment mhxu dejjem sar mid-dar.

29. Id-difiża wkoll irreferiet għad-daqq tal-horn u ssottomettiet li wieħed diffiċli jinduna b'horn fi triq fejn it-traffiku huwa qawwi. L-ewwelnett il-kuntatt mhux dejjem sar bil-horn biss iżda kien isir bit-telecell ukoll u barra d-dar. It-tieni m'hemmx għalfejn ikollok widnejk ittrenjata ħafna biex tagħraf horn minn ieħor.
Ix-xhieda mtella' mid-difiża kollha qalu li qatt ma raw xi żagħżugħ jew xi nies javviċina lill-imputat. Bir-rispett kollu, kif diġa' ntqal aktar 'il fuq, kif jista' jkun ippruvat in-negattiv għal erbgħa u għoxrin siegħa kull jum?

30. Fl-aħħarnett ma jfissirx li għax hemm il-verżjoni tal-imputat u l-verżjoni tax-xhud allura l-Qorti għandha bilfors tara konflitt tal-provi u tillibera. Intqal f'diversi sentenzi, fosthom kemm mill-Imħallef Caruana Curran kif ukoll,

aktar riċentement mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr.Vincent Degaetano, li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-Qorti dejjem tista' tagħmel il-konklużijoniet tagħha. Mhux kull konflitt ta' provi jwassal biex wieħed joħroġ liberat. Kieku kien hekk, imputat sempliċiment jew jinnega hu jew jinnega ħadd ieħor dak li jkun intqal mix-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni u joħroġ liberat.

**31. Għalhekk il-Qorti eżaminat x'qal ix-xhud Aaron Privitera u x'qal l-imputat issib li l-verżjoni ta' Aaron Privitera hija veritjiera u tista' toqgħod fuqha biex tasal għall-ġudizzju tagħha.**

32. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni u t-tieni waħda.  Dwar it-tieni imputazzjoni, l-istqarrija tal-imputat (fol 22 l-aħħar paragrafu jitkellem waħdu).

33. It-tielet imputazzjoni kienet ippruvata wkoll kemm forensikament kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat a fol.22.

**Konklużjoni**

34. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9,ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 8(a), 22(1)(a)22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

35. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra:

(a) Li l-fedina penali ppreżentata fil-proċess hiaj waħda nadifa;

(b) Li huwa għandu jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

(ċ) Li l-bejgħ sar għal aktar minn darba.

Dwar id-dewmien, il-Qorti stabbiliet li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fit-30 ta' Settembru 2002. Innutat ukoll li għadd ta' drabi l-imputat ma deherx (ara fol123 u 125).  Il-bqija l-verbali jgħidu l-istorja waħidhom.

36. Għaldaqstant il-Qorti wara li qieset iċ-ċrikostanzi kollha qed tikkundanna lill-imputat għal seba' xhur priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' €500 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġuenrija għal kull kull €11.65 li ma jitħallsux.

37. Il-Qorti qed tikkudnanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert maħtur mill-Qorti €54.75 (Lm23.500) fi żmien xahar mil-lum.

38. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------